31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Angelo Reitano et. *versus* A.I.Ċ. Charles Cumbo

## Danni — Perit — Professjonista — Delitt u Kważi-Delitt — Kolpa

*Skond it-teorija prevalenti f'materja ta' danni, delitt hu l-att doluż u kważi-delitt u l-att kolpuż.*

*Normalment, taħt il-Liġi Akwiljana "et laevissima culpa venit"; imma fil-każ ta' professjonista, il-kolpa jeħtieġ li tkun gravi jew injoranza supina.*

*Fil-każ ta' persuna li tiftaħ kreditu favur persuna oħra biex din tkun tista' tagħmel xi benefikati edilizji, b'dan illi l-flus għandhom jiġu versati fil-ħlas ta' dawk il-benefikati fuq mandati ta' perit li jawtorizza l-ħlas ta' dawk il-flus skond ix-xogħol li jkun sar, dak il-ftehim ma jorbotx lill-perit jekk dan kien estraneu għal dak il-ftehim; imma jekk jirriżulta li l-perit kien jaf b'dak il-ftehim, u li l-mandati li*

*jiġi mitlub joħroġ għandhom iservu għal dak il-ħlas, huwa responsabbli tad-danni li jikkaġuna bil-mandati li joħroġ, jekk dawn ma jkunux jikkorrispondu mar-realtà.*

*Imma jekk il-ftehim kien li l-flus għandhom jiġu versati bi ħlas ta' xogħolijiet li jkunu saru, għandha ssir distinzjoni bejn ċertifikat li joħroġ il-perit dwar xogħolijiet effettivament eżegwiti u ċertifikat dwar xogħolijiet li jkunu għadhom qegħdin isiru.*

*In kwantu għaċ-ċertifikat li jirriferixxi għax-xogħlijiet effettivament eżegwiti, il-valur ta' dawn ix-xogħolijiet għandu jikkorrispondi mas-somma awtorizzata mill-perit biex titħallas għal dawk ix-xogħolijiet; imma billi jkun hemm xi differenza żgħira bejn iż-żewġ somom, apparti milli l-opinjoni ta' perit tista' tvarja minn din ta' perit ieħor, dan ma jista' qatt jikkostitwixxi dak il-grad ta' kolpa professjonali li ġġib responsabbiltà għal danni kontra l-perit.*

*In kwantu għaċ-ċertifikat l-ieħor, li jirriferixxi għal xogħolijiet li għadhom qegħdin isiru, il-kontenut ta' dan it-tieni ċertifikat għandu jiġi valjat "ut sic", u r-responsabbiltà tal-perit ma għandhiex tiġi ġudikata in bażi għall-ftehim li sar bejn dawk iż-żewġ persuni, la darba l-perit kien estraneu għal dak il-ftehim. Ladarba l-ftehim kien li l-flus kellhom jitħallsu għal xogħolijiet effettivament eżegwiti, u ċ-ċertifikat tal-perit jirriferixxi għal xogħolijiet li huma "in progress", il-perit huwa responsabbli biss jekk f'dak iċ-ċertifikat jiġi asserit il-falz; b'mod li jekk il-kontenut taċ-ċertifikat ikun veru, u x-xogħolijiet "in progress" kienu tal-valur li għalieh il-perit awtorizza l-ħlas, dak li fetaħ il-kreditu jieħu r-riskju huwa meta jħallas mingħajr ma jaċċerta ruħu li x-xogħolijiet ikunu saru, u ma jistgħax jakkolla lill-perit bir-responsabbiltà għad-danni jekk wara jirriżulta li x-xogħol'jiet li kienu "in korso" fil-fatt ma sarux xogħlijiet effettivi. Għax il-perit iċ-ċertifika biss li x-xogħolijiet kienu mexjin. Divers kien ikun il-każ kieku fl-att tal-apertura tal-kreditu ingħad li l-mandati tal-perit kellhom jinħarġu għal xogħolijiet effettivament kostruwiti, u kieku jiġi pruvat li l-perit, li ma kienx parti fl-att, ċjò non ostante ġie nfurmat, jew kien jaf, li l-mandat kellu jkun biss għal xogħol fil-fatt kostruwit. Id-dannu f'dan il-każ ma ġiex kaġunat mill-perit biċ-ċertifikat li hu rrilaxxja.*

*imma ġie kaġunat mill-kreditur stess, li ħallas avvolja miċ-ċertifikat irriżultalu li sa' trattava biss minn xogħolijiet "in progress", u ntant għoġbu jħallas l-istess bħal kieku x-xogħolijiet kienu effettivament kostruwiti.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi l-attur Angelo Reitano, in forza ta' kuntratt publikat minn Nutar Alberto Sigismondo D'Andria fl-24 ta' Novembru 1952, għamel apertura ta' kreditu favur Anthony Casingena għas-somma ta' £1,500, sabiex jitħallsu benefikati edilizji fuq żewġ siti fabbrikabbli determinati f'San Ġiljan (u r-relattiv privileġġ ġie debitament inskritt fil-Vol. I No. 4754/1952), bil-patt u bil-kondizzjoni ilil l-ammont imsemmi, in parte, ċjoè fil-fatt għal £1,000, kellu jiġi versat mill-attur Reitano lil Casingena wara d-dikjarazzjonijiet jew mandati tal-istess konvenut illi l-kostruzzjonijiet edilizji effettivament eżegwiti kienu ta' valur korrispondenti għall-ammont avanzat, u għall- bilanċ fuq mandati ta' inġinier ċivili u arkitett ieħor; u illi, kif jirriżulta mill-alligata kopja legali tal-kuntratt publikat minn Nutar Alberto Sigismondo D'Andria fit-23 ta' Marzu 1953, l-attur Reitano ħallas żewġ ammonti in eżekuzzjoni tal-apertura ta' kreditu preċitata ta' £500 l-wieħed, b'kollox £1,000, lil Anthony Casingena, għal xogħolijiet edilizji eżegwiti fuq art enfitewtika f'Paceville, San Ġiljan, fuq żewġ mandati firmati mill-konvenut fil-25 ta' Novembru 1952 u 3 ta' Diċembru 1952 (dok. A), attestanti l-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet edilizji tal-valur komplessiv ta' £1,000, u r-relattiva konservazzjoni tal-privileġġ ġiet reġistrata fil-Vol. I no. 1388/1953; u illi in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Reġina, mogħtija fit-18 ta' Marzu 1954, l-imsemmi Anthony Casingena ġie dikjarat dekadut mill-benefiċċju tat-terminu ta' sentejn di fermo u sentejn di rispetto għar-restituzzjoni tal-istess kapital mħabba insolvenza, u l-attur Reitano ġie awtorizzat jeżegwixxi immediatament il-kuntratt fuq imsemmi għar-rifużjoni tal-ammont lilu dovut, bl-imgħax tas-6%;

U illi, skond l-istima operata mill-Inġinier Ċivili u Arkitett Maurice Captur fl-atti tas-subasta sussegwenti fl-ismijiet "Angelo Reitano et. vs. Dr. Alfred Mifsud ne.", pendenti quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina (dok. B), jirriżulta illi l-valur tal-kostruzzjonijiet edilizji eżegwiti minn Anthony Casingena fil-fatt huma ta' valur sproporzjonatament inferjuri għall-valur ta' £1,000 dikjarat fl-imsemmija mandati tal-konvenut, u għalhekk jirriżulta illi l-attur Reitano avanza s-somma msemmija lil Casingena fuq dikjarazzjonijiet li, minħabba l-aġir tal-konvenut, ma jikkorrispondux għall-garanzija li skond il-kondizzjonijiet pattwiti fl-apertura tal-kreditu fuq indikata kien intitolat ikollu l-attur Reitano, mutwant; u illi in konsegwenza l-attur Reitano, bħala kreditur privileġġjat, u l-attriċi Liberata Catania, bħala kreditriċi ipotekarja postgradwata għal Reitano, sofrew danni finanzjarji kaġunati mill-aġir illegali tal-konvenut;

Jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, u prevja n-nomina ta' periti, u prevja, jekk neċessarja, id-dikjarazzjoni illi l-ammonti ndikati mill-konvenut bħala stima tal-kostruzzjonijiet edilizji fil-mandati minnu firmati fil-25 ta' Novembru 1952 u 3 ta' Diċembru 1952 (dok. A), huma sproporzjonatament superjuri għall-valur effettiv tal-benefikati edilizji fihom imsemmija, il-konvenut jiġi minn din il-Qorti dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi in konsegwenza tal-aġir illegali tiegħu, konsistenti fid-dikjarazzjoni ta' valur ta' kostruzzjonijiett edilizji ineżistenti u sproporzjonatament superjuri għall-valur reali fil-mandati minnu ffirmati fil-25 ta' Novembru 1952 u 3 ta' Diċembru 1952; salva l-likwidazzjoni f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest tad-19 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Jannar 1957, li biha ddeċidiet għall-esklużjoni tad-domanda tal-atturi bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża huma dawn. B'kuntratt tal-24 ta' Novembru 1952, fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria, l-attur fetaħ favur Anthony Casingena kreditu ta' £1,500, bl-imgħax tas-sitta fil-mija fis-sena, pagabbli kull sitt xhur b'lura, għal żmien sentejn di fermo u sentejn di rispetto; li kellhom jiġu versati mill-attur mutwant għall-kostruzzjoni, ħlas ta' materjal u ta' ħaddiema, ta' erbgħa flats fuq l-art "tal-Imrabat" San Ġiljan, tal-kejl ta' ċirka 65 qasba kwadra ntiera, żewġ garages u terran in kostruzzjoni, u tliet sulari oħra, żewġ flats kull sular, li Casingena kien qiegħed jibni fuq sit diviż mill-art bla denominazzjoni f'Paceville, San Ġiljan. Għall-fini tal-ħlas ta' dawn ix-xogħolijiet, materjali u ħaddiema, il-mutwatarju Casingena ddelega lill-attur li jivversa u jħallas, wara mandati tal-perit Salinos, għall-kostruzzjoni tal-flats f'Imrabat Street, San Ġiljan, u mandati tal-konvenut perit Cumbo rigward il-kostruzzjoni tal-garages, terran u flats f'Paceville, San Ġiljan, is-somma ta' £1,500. B'garanzija tar-restituzzjoni ta' dan il-kapital ta' £1,500 u l-ħlas tal-imgħax kif ġew konvenuti, Casingena assoġġetta għall-privileġġ speċjali l-fuq imsemmija benefikati in kostruzzjoni, oltre l-ipoteka ġenerali, favur l-attur;

Kif jidher mill-kuntratt fl-atti tal-imsemmi Nutar D'Andria tat-23 ta' Marzu 1953, l-attur ħallas żewġ ammonti ta' £500 kull wieħed lil Casingena, b'eżekuzzjoni tal-imsemmija apertura ta' kreditu, għal xogħolijiet edilizji eżegwiti fuq l-art f'Paceville, San Ġiljan, fuq żewġ mandati jew awtorizzazzjonijiet firmati mill-konvenut; wieħed fil-25 ta' Novembru 1952, u l-ieħor fit-3 ta' Diċembru 1952; u r-relattiva konservazzjoni tal-privileġġ ġiet inskritta fir-Reġistru Publiku fil-Vol. I, numru 1388 tas-sena 1953;

In segwitu, l-attur sar jaf li Casingena ħarab minn Malta u stabbilixxa ruħu l-esteru definittivament, u jinsab insolventi; u għalhekk, b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-18 ta' Marzu 1954, fuq talba tal-attur, Casingena ġie dikjarat li kien iddekada mill-benefiċċju tat-terminu stipu-

lat fil-kuntratt ta' apertura ta' kreditu fuq imsemmi tal-24 ta' Novembru 1952 għar-restituzzjoni tal-kapital fuq indikat u l-ħlas tal-imgħax relattivi, u l-attur ġie awtorizzat jeżegwixxi l-istess kuntratt biex jottjeni minn għand Casingena r-restituzzjoni tal-imsemmi kapital u imgħax fuqu. Allura l-attur talab il-bejgħ in subasta taħt l-awtorità tal-imsemmija Onorabbli Qorti tal-kostruzzjonijiet edilizji u tal-art enfitewtika f'Paceville, San Ġiljan, spettanti lil Casingena. Din it-talba, flimkien mal-attur, saret ukoll mill-attriċi bħala kreditriċi ipotekarja ta' Casingena. Però, mill-istima adoperata per mezz tal-Arkitett u Inġinier Ċivili Maurice Captur, li ġie nominat għal dan l-iskop mill-Qorti, irriżulta li l-benefikati li kienu saru minn Casingena kienu ta' valur wisq anqas mill-£1,000 li l-attur kien ħallas għalihom. L-atturi għalhekk ġew b'din il-kawża kontra l-konvenut, billi huma jippretendu li l-ammonti ndikati minnu bħala stima tal-kostruzzjonijiet edilizji fiż-żewġ ċertifikati fuq imsemmija kienu sproporzjonatament superjuri għall-valur effettiv tal-benefikati edilizji li kienu saru, u b'hekk huma, minħabba l-aġir tiegħu, sofrew danni — l-attur bħala kreditur privileġġjat, u l-attriċi bħala kreditriċi ipotekarja post-gradwata għalieħ, tal-imsemmi Casingena;

Illi l-azzjoni tal-atturi mhix intentata kontra l-konvenut in segwitu għal xi inkarigu minnhom direttament mogħti lilu, imma in segwitu għal żewġ ċertifikati jew dikjarazzjonijiet rilaxxjati mill-konvenut unikament fuq talba ta' Casingena; liema dikjarazzjonijiet l-atturi jippretendu li kienu jattestaw valur ferm superjuri għal dak realment eżegwit minn Casingena f'benefikati minn dan eżegwiti jew kostruwiti, u li fuqhom ġew versati mill-attur £1,000 lil Casingena. Għalhekk l-indaġini prinċipali, jekk mhux unika, f'din il-kawża hi dik jekk il-konvenut kienx jew le responsabbli għal xi nuqqas fir-rilaxx ta' dawk iż-żewġ ċertifikati;

Illi l-konvenut irrilaxxja żewġ ċertifikati, wieħed fil-25 ta' Novembru 1952, u l-ieħor fit-3 ta' Diċembru 1952. Bl-

ewwel wieħed huwa qal li kien ispezzjona x-xogħolijiet fuq it-sit f'New Street, Paceville, San Ġiljan,...... u ddikjara li kien hemm xogħolijiet *"actually carried out" b'valur ta'* £500, li setgħu jitħallsu bħala "instalment". Bit-tieni wieħed huwa qal li spezzjona x-xogħolijiet "in progress' in konnessjoni mal-erezzjoni ta' "two garages, one ground floor tenement, and six overlying flats" f'Paceville, San Ġiljan, fuq is-sit ġa deskritt fl-ewwel ċertifikat, u ddikjara li £500 setgħu jitħallsu lil Casingena bħala t-tieni "instalment";

Kif tajjeb issottometta l-konvenut, fl-ewwel ċertifikat jinsab attestat valur ta' xogħolijiet "actually carried out", *mentri fit-tieni wieħed hemm attestat valur ta' xogħolijiet* "in progress" ta' kostruzzjoni, jew aħjar "works in progress in connection with the erection of......";

Il-perit Captur xehed illi l-valur tal-benefikati attwalment kostruwiti, meta saru, kien jilħaq xi £500; għalhekk l-ewwel ċertifikat tal-konvenut ma jistgħax jingħad li ma kienx eżatt. Il-konvenut, mhux kontraddett, xehed illi huwa ħareġ it-tieni ċertifikat b'konsiderazzjoni tal-materjal ta' *kostruzzjoni, bħal żrar u siment* għall-konkrit, u ġebel u ħaddiema li effettivament ra fuq il-post, jiġifieri l-materjal li kien hemm fuq il-post, li kien jidher destinat għall-kontinwazzjoni tal-kostruzzjoni ġa eżistenti li kien ispezzjona d-darba ta' qabel, u x-xogħol tal-ħaddiema, u huwa deherlu li dak ix-xogħol kien jiswa £500; għalhekk lanqas it-tieni ċertifikat ma jista' jingħad li kien ineżatt, għaliex fih ma ġiex dikjarat li dak ix-xogħol kien "actually carried out", imma biss li kien "in progress in connection with the erection of" tal-kostruzzjonijiet li, kif kien qallu Casingena, kellhom isiru. Jekk dak il-materjal ta' kostruzzjoni, wara li spezzjonah il-konvenut, ġie minn Casingena jew minn ħadd ieħor rimoss mill-post u meħud band'oħra, kif jidher li ġie, ma tista' tiġi mputata l-ebda ħtija lill-konvenut. Kien biss Casingena, li mhux parti f'din il-kawża, li fuq il-kuntratt tat-23 ta' Marzu 1953 iddikjara li dawk l-£1,000, komprizi l-£500 msemmijin mill-konvenut fit-tieni ċertifikat, ġew versati fil-prezz ta' materjal, xogħol u kumpens ta'

ħaddiema fil-kostruzzjonijiet edilizji ta' Paceville, San Ġiljan; u l-attur aċċetta dik id-dikjarazzjoni mingħajr ma qabel ikkonstata l-eżattezza o meno tagħha;

Illi, kif tajjeb jissottometti l-konvenut, id-differenza fil-lokuzzjoni taż-żewġ ċertifikati hi wisq markata, u l-attur ma setgħax ma osservahiex, kif osserva ħaġa oħra. Infatti, minn dawk iċ-ċertifikati, speċjalment mit-tieni wieħed, l-attur osserva differenza fil-konfini fejn saru l-kostruzzjonijiet minn Casingena...... Kieku l-attur mar jagħmel ilverifiki mal-konvenut, dana kien jgħidlu li dawk il-konfini kien tahomlu Casingena, kif ukoll kien ifissirlu, jekk jistaqsieħ, id-differenza fid-diċitura użata fit-tieni ċertifikat minn dik tal-ewwel ċertifikat. Imma l-attur ma għamel xejn minn dan; huwa qatt ma mar fuq il-post biex jara x'kien qiegħed isir, anqas immedjatament qabel ma vversa l-flus lil Casingena; mar biss wara li sama' li Casingena kien ħarab, u mill-ewwel daqqa ta' għajn osserva li ma kienx hemm kostruzzjonijiet eżegwiti li jiswew £1,000 — ċirkustanza li kien ugwalment josservaha kieku mar fuq il-post anki lejliet li sar il-kuntratt ta' Marzu 1953. Huwa ċar li l-attur qagħad wisq fuq il-fiduċja ta' Casingena......;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi t-talba tal-atturi ma tidherx sostenibbli; u dan anki in bażi għall-premessi dedotti fiċċitazzjoni. In fatti, l-atturi jippremettu illi l-£1,000 kellhom jiġu versati mill-attur fuq dikjarazzjonijiet tal-konvenut li l-kostruzzjonijiet edilizji kienu ġew effettivament eżegwiti għall-ammont avanzat, u illi l-attur ħallas dawk l-£1,000 fuq l-imsemmija żewġ ċertifikati li kienu jattestaw l-eżekuzzjoni ta' dawk ix-xogħolijiet edilizji. Issa, kif ġie rilevat, waqt li l-ewwel ċertifikat kien verament jattesta eżekuzzjoni ta' xogħolijiet, li fil-fatt jirriżulta li kienu eżegwiti meta sar dak iċ-ċertifikat, it-tieni wieħed ma kienx jattesta eżekuzzjoni ta' xogħolijiet bħala li effettivament saru, imma biss progress ta' xogħol in konnessjoni ma' dawk ixxogħolijiet, jew aħjar kostruzzjonijiet. Wara kollox, id-dif-

ferenza ta' żmien bejn ir-rilaxx taż-żewġ ċertifikati kienet biss ta' żmien tijiem, u hu wisq evidenti li f'dan il-perijodu hekk qasir ma tantx hu possibbli li jitlestew kostruzzjonijiet edilizji b'valur ta' £500;

Rat, fol. 85, in-nota tal-appell tal-atturi, u fol. 86 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġu akkolti d-domandi tal-atturi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti li minnhom oriġina dan il-proċess jinsabu diġà fil-parti espożittiva tas-sentenza appellata; u għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti ħlief in kwantu huma konnessi mal-parti razzjonali ta' din is-sentenza;

Bl-att eżibit in kopja fol. 18 l-attur Reitano fetaħ kreditu ta' £1,500 favur ċertu Anthony Casingena, kuntrattur, li kellu jiġi utilizzat għall-kostruzzjoni ta' bini. Il-ħlas relattiv għall-kostruzzjoni ta' garages, terran u flats f'Paceville, San Ġiljan, kellu jsir fuq mandati tal-konvenut;

Għandu jiġi mmedjatament notat li l-konvenut ma kienx parti fil-kuntratt fuq imsemmi. L-azzjoni esperita ma hijiex "ex contractu", imma hija l-"actio legis aquiliae", bażata fuq delitt jew kważi-delitt. Ma hemmx bżonn jingħad li skond it-teorija prevalenti fid-dottrina, delitt hu l-fatt doluż, u kważi-delitt hu l-fatt kolpuż (Pothier, Obbligaz. 116; Touillier, XI, 113; Duranton, XIII, 699; Demolombe, VIII, 452; Pacifici Mazzoni, IV, 78-80);

Biex jiġi rettament investit il-punt tar-responsabbiltà jew meno tal-konvenut, jeħtieġ li wieħed jara l-ewwelnett jekk, għalkemm il-konvenut ma kienx parti fl-att tal-tura ta' kreditu fuq imsemmi, kienx ċjò non ostar biħ;

In-Nutar D'Andria...... qal fix-xhieda tiegħu dan li ġej...... Difatti, l-attur Reitano fix-xhieda tiegħu jgħid......;

Kif jidher, l-uniċi żewġ xhiediet, li fuqhom għandu jiġi riżolut il-punt jekk il-konvenut kienx jew le jaf bil-kuntratt tal-apertura tal-kreditu, huma dijametralment opposti; u fil-konflitt tagħhom...... il-Qorti ma tistgħax tiġi b'sikurezza għall-konkluzjoni li l-konvenut kien jaf bl-att fuq imsemmi;

Però il-Qorti tħoss li tista' tiġi għall-konkluzjoni li l-konvenut kien jaf almenu li ċ-ċertifikati tiegħu kienu qegħedin iservu biex jiġġustifikaw pagament ta' £500 l-wieħed lil Casingena minn għand xi ħadd; għax tant fil-wieħed kemm fl-ieħor il-konvenut jgħid "expliciter" li jista' jsir pagament ta' dik is-somma. Infatti fl-ewwel wieħed, fol. 9, jingħad...... u fit-tieni wieħed, fol. 10, jingħad......;

Issa, il-konsiderazzionijiet fuq żvolti jġibu għal dawn il-konsiderazzjonijiet oħra:—

(1) Fil-ġudizzju dwar ir-responsabbiltà tal-konvenut wieħed għandu jara sempliċement jekk dak li hemm fiċ-ċertifikat wieħed u l-ieħor hux sewwa "ut sic", indipendentement mill-kontenut tal-att tal-apertura ta' kreditu; għaliex, kif ġa ngħad, ma hemmx prova soddisfaċenti li l-konvenut kien jaf b'dak l-att;

(2) Fil-ġudizzju dwar il-kontenut taċ-ċertifikati, wieħed għandu jivvaluta l-"kolpa" fuq il-prinċipju tal-kolpa "professionali". Infatti, għalkemm l-azzioni intentata hi dik akwiliana, hu ċar li ma hemmx kwistjoni ta' azzioni "ex delicto", għaliex ċertament ma hemm ebda "adminiculum probationis" li jista' jassoda li kien hemm xi kolluzjoni kriminuża bejn Casingena u l-konvenut. Tibqa' għalhekk l-azzioni "ex quasi delicto", bażata, cioè, fuq il-kolpa. Issa, normalment, taħt il-liġi Aquilia "et laevissima culpa venit"; imma fil-każ ta' professjonista, il-kolpa jeħtieġ li tkun in-

kurja gravi jew injoranza supina ("Cremona utrinque", App. 13.2.1905; "Barbara vs. Vella", 21 ta' Jannar 1929, App; u "Fava vs. Vella", P.Awla 19.2.1935, Vol. XXIX-II-331, fejn hemm ċitati dawn iż-żewġ sentenzi u diversi awtoritajiet oħra);

Fi kliem ieħor, l-indaġini fondamentali għal din il-kawża hija jekk, meta l-konvenut irrilaxxja dawk iċ-ċertifikati, kienx qiegħed fihom jaċċerta fatt li ma kienx sewwa, u dan bħala effett ta' inkurja gravi jew injoranza supina mill-parti tiegħu;

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel ċertifikat il-konvenut assikura li kien hemm "works actually carried out" bil-valur ta' £500. Mela wieħed għandu jara jekk dan kienx sewwa. Issa, mix-xhieda tal-perit Captur, fol. 42, jirriżulta li kien hemm valur ta' xi ħaġa taħt il-£500. Fir-relazzjoni tiegħu, fol. 11, dan il-perit kien stabbilixxa l-valur fis-somma ta' £320. Imma fix-xhieda tiegħu, fol. 42, hu qal li, atteża d-deterjorazzjoni bejn meta saru l-kostruzzjonijiet u ż-żmien li fiħ spezzjonahom, il-valur kien xi £100 aktar; għalhekk £420. Imma mbgħad żied jgħid "xi ħaġa taħt il-£500". Issa, ċertament l-opinjoni ta' perit u ieħor tista' tvarja; u del resto, anki kieku kellu jingħad li hi korretta l-opinjoni tal-perit Captur, il-fatt li l-valur minnu fissat jilħaq għal xi ħaġa taħt il-£500, mentri l-valur fissat mill-konvenut hu ta' £500, ma jista' qatt jikkostitwixxi dak il-grad ta' kolpa professjonali li ġġib responsabbiltà;

Fit-tieni ċertifikat, il-konvenut qal li "the works in progress" kienu jiġġustifikaw pagament ieħor ta' £500. A propożitu ta' dan it-tieni ċertifikat il-konvenut qal, fix-xhieda tiegħu fol. 51:— "Reġa ġie wara żmien u ħadni fuq il-post, u n-nies tax-xogħol kienu qegħedin jaħdmu; u għidt "works in progress". Meta mort it-tieni darba sibt li x-xogħol mar aktar il-quddiem. Kien hemm ukoll materjal ta' kostruz-

zjoni, bħal żrar u siment għall-konkrit, u ġebel għall-kostruzzjoni, u nies jaħdmu". Issa, ma ġie bl-ebda mod pruvat li din id-dikjarazzjoni tal-konvenut ma kienetx sewwa. Ma ġiex pruvat li, bħala "works in progress", ġudikati in bażi għall-materjal ta' kostruzzjoni, u in bażi għall-ħaddiema, ma kienx hemm xogħol sejjer b'dak il-valur. Kieku l-konvenut din id-darba qal "works carried out" bħal ma qal fiċ-ċertifikat ta' qabel, allura l-każ kien ikun xort'oħra; imma l-kliem użati f'dan it-tieni ċertifikat kienu "works in progress";

Ma hux aċċettabbli li jingħad li għall-attur Reitano, skond il-kuntratt, dak li kien jimpurtah kienu x-xogħolijiet effettivament kostruwiti, u mhux ix-xogħolijiet fil-kors ta' kostruzzjoni; għax, kif ġie rilevat, ġa ladarba ma ġiex pruvat li l-konvenut kien jaf bil-kuntratt bejn l-attur Reitano u Casingena, ir-responsabbiltà tiegħu ma għandhiex tiġi ġudikata in bażi għall-kontenut ta' att li għalieh hu kien estraneu. Il-kontenut taċ-ċertifikati għandu jiġi valjat "ut sic", apparti mill-kontenut tal-att bejn Reitano u Casingena; altrimenti jiġi li l-konvenut ikun akkollat bil-piż ta' pattijiet li fihom hu ma kienx parti. U l-kontenut tat-tieni ċertifikat, valjat "ut sic", ma ġiex pruvat falz;

Dan apparti l-konsiderazzjoni li fl-istess att, fol. 18, jingħad ripetutament "għall-kostruzzjoni, ħlas ta' materjal u ta' ħaddiema" — lokuzzjoni li tippresta ruħha anki għall-kontenut tat-tieni ċertifikat. U inoltre, fl-att fol. 5, fejn jissemmew bħala ġa magħmula dawn iż-żewġ pagamenti ta' £500 l-wieħed, jingħad "bħala prezz ta' materjal, xogħol u kumpens ta' ħaddiema";

Jekk, għalhekk, il-konvenut fit-tieni ċertifikat illimita ruħu li jiddikjara li bħala "works in progress" kien hemm lok għall-ħlas ta' £500, u jekk ma ġiex pruvat, kif ma ġiex pruvat, li dan ma kienx veru, allura ebda tort ma jista' jingħata lill-konvenut jekk, minħabba li Casingena ħarab

minn Malta (xhieda ta' Reitano fol. 32 tergo), dawk li kienu xogħolijiet in kors ta' kostruzzjoni ma sarux xogħolijiet effettivi;

Intqal li l-konvenut stess aċċetta li ma għamelx dak li kellu jagħmel; u ġiet ċitata dik il-parti tax-xhieda tiegħu, fol. 52, fejn qal:— "Kieku kont naf bil-mutwu kont nagħmel ħaġa sewwa u nagħmel relazzjoni......" Imma dawk il-kliem, fihom innfushom u fil-kontest li ntqalu, ma jfissru xejn aktar ħlief li, kieku l-konvenut, flok ma ħaseb, kif qalu Cas ngena, li ċ-ċertifikati tiegħu kellhom iservu sabiex dan jirranġa xi affarijiet ma' Scicluna, allura wkoll preżenti fid-diskors, kien a konjizzjoni tal-mutwu u tal-pattijiet tiegħu, allura, minflok ma kien jimxi fuq id-daqqa ta' għajn, kien jagħmel ħaġa aktar akkurata u jagħmel relazzjoni;

Biex ikun hemm lok għar-responsabbiltà tal-konvenut hemm bżonn li jiġi pruvat li fiċ-ċertifikat wieħed jew l-ieħor, kunsidrati "in sè", apparti mill-kontenut tal-att tal-apertura ta' kreditu, li fiħ il-konvenut ma kienx parti, ġie asserit il-falz, b'mod li kien hemm aġir almenu kolpuż tal-konvenut, mentri l-kontenut tal-ewwel ċertifikat kien korrett, u dak tat-tieni ma ġiex pruvat li ma kienx korrett. Jekk l-attur Reitano (jew il-konsulent tiegħu) deherlu li jista' jagħti l-£500 anki fuq "works in progress' biss, allura "imputet sibi". Il-konvenut ma kien marbut bl-ebda obligu kontrattwali jew legali mal-attur Reitano li jillimita l-konstatazzjonijiet tiegħu għall-kostruzzjonijiet effettivi biss, u li ma jestendihomx anki għal dawk in korso. Divers kien ikun il-każ kieku fl-att tal-apertura ta' kreditu ingħad li l-mandati tal-periti kellhom jinħarġu għal xogħolijiet effettivament kostruwiti, u kieku ġie pruvat li l-konvenut, li ma kienx parti fl-att, ċjò non ostanti ġie nfurmat, jew kien jaf, li l-mandat kellu jkun biss għal xogħol fil-fatt kostruwit;

Id-dannu ma jistax jingħad li ġie kaġunat mill-konvenut biċ-ċertifikati kif fuq valorizzati, imma ġie kaġunat

mill-istess attur (jew il-konsulent tiegħu), li ħallas, avvolja kien jirriżultalu mit-tieni ċertifikat li si trattava biss ta' "works in progress", u ntant għoġbu jħallas l-istess, u qagħad fuq id-dikjarazzjoni u d-dettalji li tah Casingena fl-att fol. 5. Meta l-konvenut iċċertifika x-xogħlijiet effettivament kostruwiti, dawn kienu verament hemm fil-valur più o meno dikjarat ta' £500. Meta l-konvenut irrilaxxja t-tieni ċertifikat, hu ma semmiex aktar kostruzzjonijiet effettivi; u hu ma għandux jirrispondi, jekk fl-att fol. 5 Casingena għadda b'ex jagħti dettalji tal-kostruzzjonijiet, eżistenti jew immaġinarji, u l-attur qagħad fuq id-dettalji li hemm fl-att ta' Casingena;

Kieku l-konvenut fit-tieni ċertifikat irripeta d-dizzjoni "for works carried out", allura dik id-dikjarazzjoni kienet tkun inveritjera, u kienet tkun, b'ness ta' kawżalità, u ndipendentement mill-att ta' l-apertura ta' kreditu, kaġun ta' dannu lill-attur Reitano; għaliex dan kien ikun ħallas il-£500 fuq id-dikjarazzjoni ta' professjonista li kien hemm kostruzzjonijiet effettivi ta' dak il-valur. Imma l-konvenut ma ddikjarax dan; hu qal "works in progress". L-attur, skond l-att tiegħu ma' Casingena, seta' rrifjuta jħallas, ġa ladarba ma kienx hemm kostruzzjonijiet effettivi; imma hu (jew il-konsulent tiegħu) għoġbu jirrilassa r-rigur ta' l-att u tal-ftehim, u non ostanti li fiċ-ċertifikat kien hemm esplicitament dikjarat li si trattava ta' xogħlijiet in korso, b'dan kollu ħallas, u kien dan il-fatt tiegħu li unikament ikkaġunalu d-dannu. Iċ-ċertifikat, in kwantu li kien jgħid "works in progress", kien impliċitament qiegħed jeskludi li kien hemm "works carried out", u għalhekk l-attur ma għandux dritt ta' danni kontra l-konvenut, bl-istess mod li ma kienx ikollu kieku l-konvenut iddikjara li ma kienx hemm "works carried out", u ntant hu ħallas. Ir-riskju ħadu l-attur (jew il-konsulent tiegħu), u ma jistax issa jippretendi jirriversa l-konsegwenzi fuq il-konvenut;

Il-pretiża ta' l-attriċi, pedissekwa għal dik ta' l-attur, tibqa' eskluża bl-esklużjoni ta' dik ta' l-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;
Billi tirrespinġi l-appell ta' l-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

---